



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2011/0431(APP)

3.9.2012

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas Multiannwali
għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2013-
2017

(10449/2012 – C7-0169/2012 – 2011/0431(APP))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Relatur: Tatjana Ždanoka

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas Multiannwali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2013-2017 (10449/2012 – C7-0169/2012 – 2011/0431(APP))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10449/2012),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0165/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 81(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0000/2012),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Objettiv

Fil-15 ta' Frar 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 168/2007 (ir-Regolament) li jistabbilixxi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (l-Aġenzija). L-Aġenzija bdiet topera fl-1 ta' Marzu 2007.

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament, l-oqsma tematiċi tal-attività tal-Aġenzija għandhom jiġu determinati permezz ta' Qafas Pluriennali ta' ħames snin. L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti tagħha f'dawn l-oqsma tematiċi. Il-Qafas Pluriennali mhuwiex programm ta' ħidma. Il-programmi ta' ħidma tal-Aġenzija huma adottati kull sena mill-Bord ta' Ġestjoni tagħha fl-oqsma tematiċi determinati mill-Qafas Pluriennali. Wara talbiet mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 4(1)(c) u (d) tar-Regolament, l-Aġenzija tista' taħdem barra minn dawn l-oqsma tematiċi, sakemm ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha jkunu jippermettu.

Il-Qafas Pluriennali attwali (2007-2012) jiskadi fi tmiem l-2012. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi stabbilit il-Qafas Pluriennali għall-Aġenzija għall-perjodu 2013-2017, kif mitlub mill-Artikolu 5 tar-Regolament.

Qafas Pluriennali 2007-2012:

Fit-28 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2008/203/KE li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 168/2007 fir-rigward tal-adozzjoni ta' Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012. L-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni jistabbilixxi l-oqsma tematiċi segwenti:

1. ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata;
2. id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali jew immirata lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi u kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn ir-raġunijiet (diskriminazzjoni multipla);
3. il-kumpens tal-vittmi;
4. id-drittijiet tat-tfal, inkluża l-protezzjoni tat-tfal;
5. l-asil, l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti;
6. il-viżi u l-kontroll tal-fruntieri;
7. il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni fil-funzjonament demokratiku tal-Unjoni;
8. is-soċjetà tal-informazzjoni u, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali;
9. l-aċċess għal ġustizzja effiċjenti u indipendenti.

Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika tal-Qafas Pluriennali 2007-2012 hija l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi l-Aġenzija. Madanakollu, din il-bażi ġuridika ma

għadhiex tista' tintuża minħabba li hi bażi ġuridika fit-tifsira tas-sentenza tal-Qorta Ewropea tal-Ġustizzja fil-kawża C-133/06. Il-bażi ġuridika għall-proposta attwali għandha għalhekk tkun dispożizzjoni tat-Trattat. Fin-nuqqas ta' xi dispożizzjoni oħra (iktar speċifika), il-bażi ġuridika għandha tkun dik tar-Regolament (li bħalissa huwa l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea). Il-bidla tal-bażi ġuridika għandu effett ukoll fuq l-involvement tal-Parlament Ewropew: il-konsultazzjoni hija sostitwita bl-approvazzjoni.

Oqsma tematiċi

Għadd ta' partijiet interessati ħadu sehem fil-konsultazzjonijiet waqt it-tħejjija tal-Qafas Pluriennali l-ġdid. Minn Lulju sa Settembru 2011 ġew ikkonsultati l-organizzazzjonijiet kollha li jipparteċipaw fil-Pjattaforma tad-Drittijiet Fundamentali. Fil-proċess ta' konsultazzjoni ħadu sehem mija u tmien organizzazzjoni. Il-parti l-kbira tal-organizzazzjonijiet jappoġġjaw ix-xogħol tal-Aġenzija fl-oqsma li hemm bħalissa, u jixtiquha tkompli bl-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari fl-oqsma tad-diskriminazzjoni (72%), l-asil u l-migrazzjoni (43%), ir-razziżmu u l-ksenofobija (38%) u l-aċċess għall-ġustizzja (31%). Ġie espress appoġġ qawwi għall-ħidma tal-Aġenzija fil-qasam tad-drittijiet soċjali u s-sigurtà soċjali (44%). Fost l-oqsma addizzjonali li jridu jiġu koperti, għadd ta' organizzazzjonijiet semmew id-drittijiet fir-rigward tad-diżabbiltà u l-importanza li jizjed ix-xogħol f'dawk l-oqsma ta' politika li qabel kienu tat-'tiolet pilastru'.

Il-Bord ta' Ġestjoni tal-Aġenzija identifika l-oqsma tematiċi li ġejjin:

- (a) Il-protezzjoni ġudizzjarja effikaċi, inkluż l-aċċess għall-ġustizzja;
- (b) Il-vittmi tal-kriminalità;
- (c) Il-koperazzjoni ġudizzjarja;
- (d) Il-koperazzjoni bejn il-pulizija;
- (e) L-immigrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti, il-kontroll tal-konfini u l-viża; l-asil;
- (f) Ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata;
- (g) L-integrazzjoni tar-Rom;
- (h) Id-diskriminazzjoni kif definita fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;
- (i) Il-Parteċipazzjoni fil-qafas indipendenti tal-UE skont l-Artikolu 33(2) tal-Konvenzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà;
- (j) Id-drittijiet tat-tfal;
- (k) L-informazzjoni, il-privatezza u d-dejta personali;
- (l) Id-drittijiet soċjali.

Il-Kummissjoni pproponiet l-oqsma tematiċi li ġejjin:

- (a) L-aċċess għall-ġustizzja;
- (b) Il-vittmi tal-kriminalità;
- (c) Is-soċjetà tal-informazzjoni u, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali;
- (d) L-integrazzjoni tar-Rom;
- (e) Il-kooperazzjoni tal-pulizija, b'kont meħud tan-natura speċifika ta' dan il-qasam;
- (f) Il-kooperazzjoni ġudizzjarja, b'kont meħud tan-natura speċifika ta' din il-kooperazzjoni meta tkun relatata ma' kwistjonijiet kriminali;
- (g) Id-drittijiet tat-tfal;
- (h) Id-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza, il-kulur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni

oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprietà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali;

(i) L-immigrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti; il-viżi u l-kontroll tal-fruntieri; l-asil;

(j) Ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata.

Il-Grupp Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem talab lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew iqisu r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- il-Grupp Ewropew jirrakkomanda bil-qawwa l-inklużjoni tal-qasam sensitiv ħafna fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem li hu tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja b'konsegwenza tat-tgħaqqid tat-tliet pilastru u t-tisħiħ tal-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam bit-Trattat ta' Lisbona;

- il-Grupp Ewropew japprova l-konċentrazzjoni akbar mitfuha fuq ir-Rom bħala grupp li jinsab f'sitwazzjoni vulnerabbli fl-Istati Membri tal-UE espost għad-diskriminazzjoni u għal għadd kbir ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Madankollu, il-qasam tematiku għandu preferibilmment jiġi fformulat biex jenfasizza l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fundamentali fil-ħidma tal-Aġenzija;

- filwaqt li jirrikonoxxi l-ħolqien tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u l-mandat tiegħu, il-Grupp Ewropew jinsab mgħaġġeb li "s-sess" ġie mneħħi mil-lista ta' raġunijiet ta' diskriminazzjoni koperti fl-abbozz ta' Qafas Pluriennali; - il-Grupp Ewropew jinsab ikkonċernat li l-Qafas Pluriennali ma jirriflettix il-potenzjal li għandha l-Aġenzija li twettaq rwol partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ indipendenti tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (CRPD) fi ħdan l-UE;

- filwaqt li żżomm quddiem għajnejha l-fatt li d-drittijiet tal-bniedem huma indiviżibbli u interrelatati, imnaqqxa fil-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali u fl-istrumenti tan-NU tad-drittijiet tal-bniedem, il-qasam tal-ħidma tal-Aġenzija għandu jiġbor fih b'mod espliċitu d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali.

Fl-aħħar, il-Kunsill ippropona l-oqsma tematiċi li ġejjin:

(a) l-aċċess għall-ġustizzja;

(b) il-vittmi ta' kriminalità, inkluż il-kumpens għall-vittmi tal-kriminalità;

(c) is-soċjetà tal-informazzjoni u, b'mod partikolari, ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-dejta personali;

(d) l-integrazzjoni tar-Rom;

(e) il-kooperazzjoni ġudizzjarja, ħlief fi kwistjonijiet kriminali;

(f) id-drittijiet tat-tfal;

(g) id-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, il-kultur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprietà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;

(h) l-immigrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti, il-viża u l-kontroll tal-fruntieri u l-asil;

(i) ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata.

Il-pożizzjoni tar-relatur

Ir-relatur temmen li l-Qafas Pluriennali tal-Aġenzija għall-perjodu 2013-2017 jista' u għandu jiġi fformulta aħjar. L-ewwel, ir-relatur taqbel mal-Pjattaforma tad-Drittijiet Fundamentali, il-Bord ta' Ġestjoni tal-Aġenzija u l-Grupp Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet

tal-Bniedem li l-qasam tal-ħidma tal-Aġenzija għandu jiġbor fih b'mod espliċitu d-drittijiet soċjali u rwol partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ indipendenti tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD). Barra minn hekk il-qasam tematiku rigward l-integrazzjoni tar-Rom għandha preferibilmment tiġi fformulata mill-ġdid. Sadattant, ir-relatur tilqa' l-inklużjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess fil-proposta tal-Kunsill – l-oqsma kollha msemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandhom jiġu koperti mix-xogħol tal-Aġenzija. Il-kunċett tad-diskriminazzjoni multipla għandu wkoll jissewma u jiġi inkluż b'mod espliċitu.

Ir-relatur jiddispjaċiha bil-kbir minħabba n-nuqqas ta' qbil li hemm fil-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni tal-oqsma tematiċi ġodda li hemm proposti tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwestjonijiet kriminali fil-Qafas Pluriennali l-ġdid. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwestjonijiet kriminali saru parti mil-liġi tal-Unjoni u huma għalhekk koperti bl-ambitu tal-kompiti tal-Aġenzija. Ir-relatur tesprimi wkoll tħassib dwar il-messaġġ mogħti mill-Kunsill, li jxekkel il-kontribut kostruttiv għat-tiħiħ tal-ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE.

Fl-aħħar imma mhux l-inqas, ir-relatur tinsab imħassba minħabba t-tentattivi ripetuti li ġew irrappurtati li saru minn għadd ta' Stati Membri fil-Kunsill biex jeskludu mill-oqsma tematiċi d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-fatt li persuna tkun tagħmel parti minn minoranza nazzjonali. Ir-relatur issib tali tentattivi inaċċettabbli u tfakkar li l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoritajiet (Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea).

F'ċirkustanzi oħra r-relatur kienet tistieden lill-Parlament Ewropew jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu – bil-għan li tinstab soluzzjoni aħjar. Madankollu, l-Aġenzija għandha bżonn oqsma tematiċi ġodda biex taħdem fuqhom sabiex tkun żgurata l-kontinwità fl-attivitajiet tagħha. Jekk ma jkunx hemm fis-seħħ Qafas Pluriennali ġdid sal-bidu tal-2013, l-Aġenzija tkun tista' taħdem biss jekk ikun hemm talba speċifika minn istituzzjoni (l-Artikolu 4(1) (c) u (d) tar-Regolament) u mhux fuq inizzjattiva tagħha stess.

Minħabba tali kunsiderazzjonijiet, ir-relatur tissuġġerixxi li l-Parlament Ewropew jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-Qafas Pluriennali sa tmiem l-2012. Sadattant, ir-relatur tittama li l-Kummissjoni se tagħmel valutazzjoni u tipproponi li jiġu riveduti kompiti, oqsma ta' attività u metodi ta' ħidma tal-Aġenzija fl-2013 bil-għan li jiġi ggarantit il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Ir-relatur tistenna li l-Kunsill ikun lest jaqbel f'dak il-kuntest dwar l-inklużjoni tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwestjonijiet kriminali fil-lista tal-oqsma tematiċi u tistieden lill-Kunsill jiddikjara dan b'mod espliċitu.